MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 656/1998/1

**Vincent Cilia**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali, Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-Direttur tad-Dwana u s-Sisa, u b'nota tad-29 ta' Jannar 1999 l-atti tar-rikors gew ceduti fil-konfront ta' l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan hu appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u tad-Direttur tad-Dwana u s-Sisa minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-20 ta' Gunju 2003. Fir-rikors promotur tieghu presentat fit-2 ta' Gunju 1998, Vincent Cilia ippremetta li huwa kien ircieva kont mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li bih gie mitlub ihallas lill-istess Dipartiment is-somma ta' Lm10, 336.88 (ghaxart elef, tlett mija w sitta w tletin lira, u tmienja w tmenin centezmu) bhala taxxa fuq il-valur mizjud allegatament dovut ghall-periodu mill-1 ta' Jannar, 1995 sal-31 ta' Jannar 1996. Fl-10 ta' Marzu 1997 inharget ittra ufficjali mill-istess Dipartiment fejn, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, dan l-avviz u kont gie rez ezekuttiv skond il-ligi, b'mod li d-Dipartiment beda jgawdi bis-sahha tal-ligi titolu ezekuttiv. Cilia kompla jfisser li ghalhekk huwa kellu d-dritt, skond l-Artikolu 32 tal-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li jappella kontra dik l-istima; madanakollu l-Artikolu 4 tas-Sitt Skeda tal-istess Att jipprovdi *inter alia* illi *"Appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba…(b) ma tkunx thallset it-taxxa kollha li ma hemmx kwistjoni dwarha li kellha tithallas mill-appellant; u (c) ma jkunx thallas inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha skond dak l-appell"*. Cilia allega li huwa ma kellux il-mezzi finanzjarji biex ihallas dawk l-ammonti kbar ta' flus halli jkun jista' jappella lill-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mill-istima li huwa jsejhilha arbitrarja w esagerata, u dan kif jirrizulta mill-ittra li huwa kien baghat lill-imsemmi Kummissarju fl-14 ta' Marzu 1997.

Premess dan kollu, Vincent Cilia kompla jghid li l-provvediment fuq indikat (cioe` l-Artikolu 4 tas-Sitt Skeda) jilledi d-dritt fondamentali tieghu garantit a tenur tal-**Art. 32 (a) u (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** [1] stante illi l-esponent gie michud l-uzu u t-tgawdija ta' proprjeta` elevata mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud meta huwa ma nghatax fakolta` xierqa u libera li

[1] Dawn id-disposizzjonijiet qed jigu indikati *in grassetto* ghal raguni li ser tirrizulta aktar 'l quddiem f'dan il-gudikat.

jikkontesta l-allegazzjonijiet migjuba mill-istess Dipartiment kontra tieghu. Qal ukoll li l-provvediment fuq indikat jilledi d-dritt fondamentali tieghu garantit a tenur ta’ l-**Art. 36 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u dana peress illi huwa gie “suggett” ghal trattament degradanti u dana peress illi “r-rikorrent” [recte: l-intimat jew intimati] iddeprivah mill-godiment tal-beni tieghu, kif ukoll “esponieh ghal pubbliku generali u dana minghajr ma r-rikorrent kellu l-opportunita` reali li jirribatti” (sic!). Fir-rigward dejjem ta’ l-istess provvediment, Cilia qal ukoll li dan jilledi l-**Art. 38(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u l-**Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** u dana peress illi d-Dipartiment ezegwixxa l-istima minnu stess mahruga billi vvjola l-proprjeta` privata tieghu stante illi hu ma setax jikkontesta tali stima. U fl-ahharnett ir-rikorrent Cilia qal li l-provvediment fuq indikat jilledi wkoll l-**Art. 45(1)(2)(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u l-**Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja** “u dana peress illi d-Dipartiment ma ghandu l-ebda imposizzjoni b’xi mod simili ghal dik imposta fuq l-esponent illi ghandu jiddepozita hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa kontestata minghajr ebda alternattiva”. Wara li qal dan kollu, r-rikorrent talab lill-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-paragrafu (c) tal-Artikolu 4 tas-Sitt Skeda li hemm mal-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jivvjola l-**Artikolu 32(a)(c), l-Artikolu 36(1) u l-Artikolu 45(1)(2)(3) kollha tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u li ghalhekk huwa null u bla effett;

2. Tiddikjara wkoll illi l-istess provvediment tal-ligi jivvjola wkoll l-**Artikoli 3, 8 u 14 tal- Konvenzjoni Ewropeja** u ghalhekk null u bla effett;

3. Konsegwentement tawtorizza lill-esponenti sabiex joggezzjona u jressaq [appell] quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-istima *ex officio* li saritlu, minghajr il-htiega li jiddepozita xi parti mit-taxxa in kontestazzjoni, u b’hekk tigi dikjarata nulla u bla effett l-ittra ufficjali li rrendiet ezekuttiva l-pretensjoni tal-Kummissarju kontra tieghu; u

4. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu d-drittijiet fondamentali tieghu.

Permezz ta’ risposta presentata fil-5 ta’ Gunju 1998, il-Prim Ministru u l-Avukat Generali[2] wiegbu hekk:

(a) Illi kemm il-Prim Ministru kif ukoll l-Avukat Generali m’humiex legittimi kontraditturi f’din il-kawza stante dak li hemm provdut fl-Artikolu 181B tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.
(b) Illi d-drittijiet taht l-Art 32 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ma humiex ezegwibbli f’Qorti bhalma juri car il-kliem tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jaghtu d-dritt lil kull persuna li jallega xi ksur ta’ l-Artikoli “33 sa 45”.
(c) Illi l-Art 36 tal-Kostituzzjoni u l-Art 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna u dawk Ewropej, it-trattament inuman jew degradanti irid ikun lahaq grad ta’ severita` serja, u dan mhux il-kaz fejn l-istat qieghed jezigi biss il-hlas tat-taxxi dovuti.
(d) Illi ma hemm ebda diskriminazzjoni bejn il-Kummissarju u r-rikorrent ghaliex biex din tkun tezisti irid l-ewwelnett, dejjem skond il-gurisprudenza kostanti kemm tal-Qrati taghna kif ukoll dawk Ewropej, li z-zewg persuni jkunu qeghdin fl-istess cirkostanzi. Fil-kaz ta’ llum dan manifestament mhux minnu. Oltre dan ir-rikorrent naqas li jindika fuq liema bazi tezisti din id-diskrimazzjoni li skond il-Kostituzzjoni tista` tkun biss fuq razza, pajjiz ta’ origini, opinjoni politika, kulur, twemmin jew sess u ma jidher li ebda wahda minn dawn il-bazi ma tinkwadra fil-kaz odjern. L-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma ghandu ebda ezistenza indipendenti izda jrid ikun abbinat ma’ xi Artikolu iehor fil-Konvenzjoni Ewropeja liema artikolu jrid qabel xejn ikun japplika. Dan l-abbinament ma sarx fir-rikors promotorju u ghalhekk kull referenza ghalih (cioe` ghall-Artikolu 14) ghandha tkun skartata mill-Qorti.
(e) Illi l-Art. 38 tal-Kostituzzjoni li jissemma’ fil-premessi izda ma jidhirx fit-talbiet, jitratta dwar il-helsien minn tfittxija fid-dar jew fuq il-persuna u li ghalhekk ma japplikax

[2] Ara l-verbal ta’ l-udjenza tas-27 ta’ Ottubru 1998, fol. 18. Ir-referenza ghall-Kummissarju tal-Pulizija hi evidentement zball, u kellha tkun ghall-Avukat Generali.

ghall-fatti kif esposti fir-rikors promotorju ghaliex ma qed issir ebda tfittxija fid-dar tar-rikorrent. Fuq kollox l-istess artikolu jawtorizza tali dhul fejn jidhlu t-taxxi.

(f) Illi l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma japplikax ghall-kaz odjern ghaliex il-hlas tat-taxxi ma jikkostitwix indhil fil-hajja familjari jew fil-hajja privata ta' l-individwu.

(g) Illi ghaldaqstant il-Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju [recte: Direttur] tad-Dwana u s-Sisa, b'risposta ohra, ukoll in data 5 ta' Gunju 1998, wiegbu sostanzjalment hekk:

(a) Li l-Prim Ministru u l-Avukat Generali ma humiex legittimi kontraditturi u ghalhekk gew inutilment mharrka.

(b) **Huma ghamlu referenza ghall-kawza 610/97GV deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Frar 1998 (u li minnha ma sarx appell) u ghalhekk qalu li r-rikorrenti Cilia kien qed jabbuza mis-sistema giuridiku, u dan peress li kemm dik il-kawza kif ukoll dik odjerna jittrattaw l-istess materja u huma bejn l-istess partijiet**.

(c) Cahdu illi kien hemm xi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. L-Att XII tal-1994 hu espressjoni tar-rieda tal-legislatur illi ma jridx li jkun hemm appelli frivoli minn *tax payers* li jipprovaw jevadu l-hlas tat-taxxi dovuti.

(d) Qalu li s-sentenza fir-rikors 610/97GV gja ezaminat kif id-disposizzjoni li tistipula l-hlas tal-25% tas-somma reklamata mid-Dipartiment ma tiksirx il-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas il-Konvenzjoni Ewropeja u illi din hija mizura normali biex ikunu evitati appelli frivoli u vessatorji.

(e) Il-ligi ma tikser ebda disposizzjoni ta' l-Art. 32(a) u (c) tal-Kostituzzjoni u lanqas ta' l-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

(f) It-talba ghall-hlas tat-taxxa hija mizura fiskali w essenzjalment hi parti tad-dritt pubbliku. In kwantu ghad-depositu ta' 25%, din tigi ritornata jekk jinstab illi l-appellant ghandu ragun.

(g) It-tieni paragrafu ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol jippermetti t-tehid ta' proprjeta` ghal skopijiet ta' gbir ta' taxxa.

(h) Li r-rikorrent Cilia jikkontesta t-talba tad-Dipartiment huwa dritt tieghu, pero` skond ir-*rule of law* dan irid jaghmlu skond il-ligi u mhux kif irid hu. Ir-rikorrenti ghazel li jittanta rikors kostituzzjonali iehor (it-tieni wiehed) u ma segwiex l-proceduri applikabbli biex jikkontesta lid-Dipartiment billi jmur quddiem il-Bord ta' l-Appell u sussegwentement quddiem il-Qorti ta' l-Appell.
(i) Ma hemmx lezjoni ta' l-Artikoli 38 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Lanqas tal-Artikolu 45(1)(2)(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja stante illi fil-kamp fiskali li huwa ta' dominju pubbliku hu accettabbli u legali sabiex jkunu evitati proceduri frivoli illi jintalab l-25 % bhala depositu u din il-Qorti mhix kompetenti li tiddetermina jekk 25% humiex ftit jew hafna jew tajjeb – haga li f'socjeta` demokratika jaghmilha biss il-Parlament bil-ligi.
(j) Ma hemmx lezjoni ta' l-Artikolu 32(a)(c), tal-Artikolu 36(1) u tal-Artikolu 45(1)(2)(3) tal-Kostituzzjoni li huma artikoli fil-Kostituzzjoni inapplikabbli ghal kaz in ezami.
(k) L-Artikoli 3, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma gewx miksura.
(l) Illi r-rikorrent qatt ma kkontesta illi xi taxxa hija dovuta – kulma jrid hu li jikkontesta l-istima quddiem il-Bord kif irid hu u mhux skond il-proceduri stabbiliti mil-ligi.

**<u>Qabel is-Sentenza Appellata</u>**

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra x'iddecidiet l-ewwel Qorti, ikun opportun li wiehed jara ezattament x'gara qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata.

Wara li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju (jew Direttur) tad-Dwana u s-Sisa iddikjaraw (ara verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar 1999, fol. 20) li huma kienu l-legittimi kontraditturi f'din il-kawza, r-rikorrent Cilia ceda l-atti fir-rigward tal-Prim Ministru u ta' l-Avukat Generali. F'diversi seduti ta' wara, instemghu x-xhieda, u l-kawza thalliet ghas-sentenza. Izda fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2002, l-ewwel Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u dan peress li giet a konjizzjoni taghha s-sentenza moghtija minn din il-Qorti – cioe` l-Qorti Kostituzzjonali, diversament komposta – tat-30 ta'

Novembru 2001 fl-ismijiet ***Anthony Frendo v. L-Avukat Generali, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud***. F'din is-sentenza ta' Frendo din il-Qorti ddikjarat li kienet qed issib *"…illi l-ewwel subartikolu subinciz (c) tal-Art. 4 tas-Sitt Skeda ta' l-Att nru. XII ta' l-1994 jivvjola l-Art.* ***39(2)*** *tal-Kostituzzjoni u l-Art.* ***6(1)*** *tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reza applikabbli ghal Malta bl-Att nru XIV ta' l-1987."* Din il-Qorti f'dik is-sentenza kompliet tghid hekk fid-decide taghha: *"Konsegwentement tiddikjara l-imsemmija disposizzjoni ta' l-Att nru. XII ta' l-1994 bhala nulla u bla effett u ghalhekk tilqa' l-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti kif dedotti."* [3] Il-Qorti – allura fil-kawza ta' Cilia – stiednet lill-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex *"…jiddikjara l-posizzjoni tieghu f'din il-kawza in vista ta' l-imsemmija sentenza [ta' Frendo]."* [4] L-imsemmi Kummissarju, permezz ta' nota datata 13 ta' Novembru 2002, issottometta bazikament is-segwenti:

(a) Illi hu ma jarax li din il-kawza hija identika ghal ***Frendo v. Avukat Generali et*** ;
(b) Illi Frendo appella lill-Bord ta' l-Appelli minghajr ma hallas il-25% depozitu, filwaqt li fil-kaz in ezami Cilia ma ntavola ebda appell u qieghed jattakka l-kostituzzjonalita` tal-Art. 4(1)(c) tas-sitt skeda ta' l-Att XII tal-1994;
(c) Illi ma jidhirx li hemm xi *hardship* oneruz fuq it-*taxpayer*, sid ta' tliet *supermarkets* li jintalab ihallas Lm 1,675 biex ikun jista' jintavola l-appell;
(d) Illi r-rikorrent seta' appella fit-terminu ta' tletin jum minghajr ma jhallas il-25%, pero` dan m'ghamlux;
(e) Illi fil-kaz ta' Frendo d-depozitu kien ta' somma hafna iktar sostanzjali u ghalhekk probabbli li dan influwenza d-decizjoni tal-Qorti;
(f) Illi fil-kaz ta' Frendo il-Qorti Kostituzzjonali interpretat hazin l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u **li ghalhekk kien**

[3] L-ewwel talba ta' Frendo kif dedotta kienet li jigi dikjarat li l-imsemmi paragrafu (c) kien jivvjola l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. It-tielet talba kienet li Frendo jigi awtorizzat *"...joggezzjona u jressaq il-kontestazzjoni tieghu quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-istima ex officio li saritlu ...minghajr il-htiegai li jiddepozita xi parti mit-taxxa in kontestazzjoni u b'hekk tigi dikjarat nulla u bla effett l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 1997 li rrendiet ezekuttiva l-pretensjoni tal-Kummissarju tal-VAT kontra l-esponent [Frendo]."*
[4] Ara l-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2002, fol. 61-62.

**jixraq li l-Prim Awla tal-Qorti Civili terga' tinterpreta dana l-Artikolu 6**;

(g) Illi f'kazijiet bhal dak in ezami fejn si tratta ta' kazijiet amministrattivi, il-poter gudizzjajru kellu jkun indipendenti mill-poter ezekuttiv biss in kwantu dak il-poter gudizzjarju kien jiggudika l-infrazzjoni penali u l-kwistjonijiet civili bejn l-individwi;

(h) Illi f'dawn il-kazijiet qeghdin fid-dominju pubbliku **u ghalhekk l-Art 6(1) ma japplikax**;

(i) Illi din il-filosofija tifforma parti importanti mill-bazi legali tas-sistema li tiddistingwi l-Qrati Civili u l-Qrati Amministrativi fi Franza u f'hafna mill-Ewropa kontinentali;

(j) **Illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprotegi d-dritt ta' l-individwu ghas-smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali** (li allura ma jistax ikun tribunal li jifforma parti mill-amministrazzjoni stess) biss *'in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him'* ;

(k) **"Illi mis-suespost jidher car iili l-ebda dritt fondamentali, senjatament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem lamentati mir-rikorrent ma gew lezi fil-kaz in ezami bl-applikazzjoni tal-partita 4(1)(c) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994."**

Din il-Qorti tosserva li f'dina n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'ebda hin u f'ebda mument ma solleva l-eccezzjoni tar-*res iudicata*, bhalma del resto anqas kien eccepiha formalment fir-risposta tieghu (u tad-Direttur tad-Dwana u s-Sisa) tal-5 ta' Gunju, 1998. Anzi b'din in-nota hu evidenti li l-imsemmi Kummissarju kien qed jistieden lill-Prim Awla terga' tezamina l-lanjanzi tar-rikorrent <u>ukoll fid-dawl tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni</u>, u <u>jistedinha tiddikjara li ma kien hemm ebda lezjoni ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet</u>.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

Fis-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju 2003, il-Prim Awla, wara li osservat li l-fatti rizultanti mill-process ma kienu

jilledu ebda dritt fondamentali protett mill-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni citati mir-rikorrent Cilia fir-rikors promotur tieghu, u wara li qieset li pero` kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu kif protetti mill-Artikoli **39** u **6** tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament – u dan konformement mas-sentenza ta' ***Frendo***, gja citata – iddecidiet hekk:

**"Ghal dawn il-motivi: Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-paragrafu (c) tas-sub Artikolu 4 tas-Sitt Skeda li hemm mal-Att tal-1994 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XII tal-1994) jivvjola xi artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem resa applikabbli ghal Malta bl-Att numru XVI tal-1987, u ghalhekk dawn il-provvedimenti huma nulli u bla effett u tordna li r-rikorrenti tinghatalu l-opportunita` sabiex jikkontesta u joggezzjoni ghall-istima ex officio li saritlu u dana minghajr ebda kundizzjoni. L-ispejjez kollha jithallsu mill-intimati."**

Il-partijiet relevanti tas-sentenza appellata huma s-segwenti:
**"Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhhom fl-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitou 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li gew iccitati mir-rikorrenti. In effett il-provedimenti tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jirreferu b'mod generali ghall-protezzjoni li ghandha tinghata ghar-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;**

**Ma jirrizultax li r-rikorrenti gie asoggettat ghal xi tortura jew trattament inuman jew degradanti. La darba l-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud kien igwadi titolu esekuttiv skond il-ligi, huwa seta' liberament jesegwixxi skond dak it-titolu. L-imsemmi Kummissarju ghalhekk seta jesegwixxi t-titolu tieghu fil-konfront tar-rikorrenti u tal-propjeta tar-rikorrenti. Il-fatt li r-rikorrenti kien qed jigi mitlub li jghamel depositu bhala prekondizzjoni biex jesercita d-dritt ta' l-appell ma ghandu x'jaqsam xejn mad-dritt**

**fondamentali ghad-dgawdija pacifika tal-proprjeta tal-istess rikorrenti. Ma jirrizulta ebda agir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu jigu qatt akkolti a bazi tal-provedimenti tal-ligi li huwa qed jinvoka;**

**Jirrizulta li r-rikorrenti gia ttanta azzjoni ohra kostituzzjonali dwar l-istess fatti u b'talbiet simili ghal dawk li qed jghamel fil-presenti kawza. Il-bazi tal-azzjoni precedenti tieghu, pero', kienet differenti u dana peress li f'dawk il-proceduri huwa invoka a favur tieghu l-provedimenti tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema artikoli jittrattaw dwar is-smiegh xieraq. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) bhala l-Qorti ta' prima istanza cahdet l-imsemmija talbiet tar-rikorrenti u dana b'sentenza tas-27 ta' Frar 1998. Ma jidhirx li r-rikorrenti appella minn din is-sentenza u minnflok ghazel li jipprocedi bil-presenti procedura fejn ghamel l-istess talbiet pero' a bazi ta' provedimenti differenti tal-ligi;**

**F'dan l-istadju trid issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Frendo vs Avukat Generali et" deciza fit-30 ta' Novembru 2001. Din is-sentenza timmerita li tigi esaminata fid-dettal. In effett f'din il-kawza il-Qorti Kostiuzzjonali ddecidiet billi sabet li l-ewwel subartikolu subinciz (c) tal-Artikolu 4 tas-Sitt Skeda tal-Att XII ta' l-1994 (propju l-rtikolu in kwestjoni f'din il-kawza) jivvjola l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement iddikjarat l-imsemmija disposizzjoni bhala nulla u bla effett;**

**Il-fatti li wasslu ghall-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali huma simili hafna ghall-fatti rizultanti fil-presenti proceduri. In effett iz-zewg kawzi jittrattaw dwar is-sitt (6) skeda ta' l-Att XII tal-1964 dwar il-VAT u in partikolari jekk dawn il-provedimenti humiex lesivi tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea. Dak li gie sottomess mill-**

**intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fin-nota tieghu tat-13 ta' Novembru 2002 jista jinghad li hu superfluwu u kwazi rrilevanti u l-istess intimat messu agixxa fil-konfront tar-rikorenti fuq l-iskorta tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru 2001. Il-fatt li r-rikorrenti ma intavolax l-appell mentri fil-kawza l-ohra sar l-appell minnghajr ma kien hemm depositu ma jbiddel xejn mill-mertu tal-kwestjoni u cioe jekk il-limitazzjoni fuq id-dritt ta' appell mghamula fl-artikolu 4 ta-as-Sitt Skeda ta' l-Att XII tal-1994 kienitx kostituzzjonalment valida. Din hi l-vera kwestjoni in ballo ukoll f'dawn il-proceduri u kwestjonijiet ohra rigwardanti x'jghamel ir-rikorrenti jew kemm kien jammonta d-depositu li kellu jsir mir-rikorrenti, huma ghal kollox irrilevanti;**

**Fl-imsemmija sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ikkonsidrat li -**

**"*Ghar-rigward tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li l-imposizzjoni u l-hlas tat-taxxa hu essenzjalment oneru purament fiskali u konsegwentement dawn kienu obbligi li ma kellhomx jigu kwalifikati bhala 'civil rights and obligations' in kwantu dawn kienu meqjusa bhala materja ta' dritt pubbliku. Ghalhekk il-garanziji kostituzzjonali ghas-smiegh xieraq ma kienux japplikaw fir-rigward ta' agir ta' l-Istat biex jimponi u jesigi t-taxxi*";**

**Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tirrimarka -**

**"*Li hemm materji ohra li jirrigwardaw anke jeddijiet fondamentali apparti l-jedd ta' smiegh xieraq li kien jinkombi fuq l-Istat li josserva l-harsien taghhom u li kellhom allura jkunu gustament soggetti ghall-verifika minn din il-Qorti. Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni li, filwaqt illi l-Qrati ma kellhomx dritt li jissindikaw, bhala regola, l-imposizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn ikunu regolati b'ligi, dan ma jfissirx li cittadin ma kellux il-jedd li jkollu l-mezz ta' verifika biex jassigura illi dik il-ligi tkun giet, fil-konfront tieghu, sewwa applikata*";**

**Il-Qorti Kostituzzjonali qalet ukoll li -**

**"*Id-disposizzjonijiet in kwestjoni joholqu favur, kemm il-kontribwent kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi tal-Valur Mizjud il-jedd ta' access ghal Tribunal kwazi gudizzjarju u gudizzjarju….u ma jista jkun hemm l-ebda dubju li fir-rigward tal-kondotta ta' dawn il-processi kienu u kellhom ikunu applikabbli il-garanziji kolha ghal smiegh xieraq skond kif stabbilit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjonji*";**

**L-istess Qorti nnotat li -**

**"*Il-provedimenti in kwestjoni ma jesigux depositu ta' taxxa mhux kontestata, imma depositu ta' parti minn taxxa li kienet qghada kontestata u li dwarha ikun qieghed isir appell*." Gie ukoll innotat li - "*In-nuqqas ta' depositu skond din id-deposizzjoni tirrendi l-appell mhux validuu allura qed iccahhad l-access ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja propju minhabba c-cirkostanza li min jixtieq jappella skond dritt lilu mghoti mill-ligi biex jikkontesta il-hlas ta' taxxa fuqu imposta, ikun qieghed jigi mcahhad minn dak id-dritt propju ghaliex ma jhallasx parti sostanzjali minn dak li l-istess ligi tghatih il-jedd li jikkontesta. Proposta f'dawn it-termini d-disposizzjoni tidher li hi inikwa u anti guridika*";**

**Il-Qorti Kostituzzjonali inoltre nnotat li -**

**"*Id-depositu rikjest fl-artikolu 4 tas-sitt (6) Skeda tal-istess Att kien impost bhala kondizzjoni ghall-validita' ta' l-appell u mhux bhala xi forma ta' garanzija ghall-ispejjez ta' dak il-process….Jibqa ferm il-principju ili, una volta l-ligi kienet ipprovdiet id-dritt ta' access ghal tribunal biex jigi verifikat fil-konfront tieghu, tali dritt kellu jkun accessibli b'mod uniformi ghal kullhadd b'md ragjonevoli u non diskriminatorju*";**

**F'dan l-istadju l-imsemmija Qorti rriferit ghal xi decizjonijiet tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-**

**Bniedem u ghal xi awturi fejn in partikolari gie senjalat li l-principju li l-jedd ta' access, meta mghoti, ma kellux ikun pregudikat b'restrizzjonijiet finanzjarji eccessivi li in effett jichdu dan id-dritt jew jillimitawh b'mod inaccettabli f'socjeta demokratika;**

**Jirrizulta ghalhekk li l-provedimenti in kwestjoni gew dikjarati nulli mill-Qorti Kostituzzjonali. Hawnhekk qeghdin fil-kamp tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li, ovvjament, huma drittijiet bazilari. Hu imperattiv li dawn id-drittijiet jigu mharrsa in generali minn dawk kollha koncernati. Jekk fi proceduri, bhal dawn presenti, jirrizulta li xi provedimenti tal-ligi huma nulli, u f'dan il-kaz il-Qorti Kostituzzjonali gustament iddikjarat li il-provedimenti tal-ligi in kwestjoni huma nulli, din il-Qorti ghandha timxi duq tali dikjarazzjoni irrispettivament mill-fatt li d-dikjarazzjoni tal-imsemmija Qorti Kostituzzjonali saret a bazi ta' artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li ma kienux fil-bazi tal-presenti proceduri;**

**Fil-proceduri kostituzzjonali jekk jirrizulta li xi att hu lesiv tad-drittijiet fundamentali jew li xi provedimenti tal-ligi huma nulli ghaliex imorru kontra l-istess drittijiet fundamentali kif sanciti fil-ligi tghana, dan ghandu jigi dikjarat mill-Qorti anke jekk l-artikoli rlevanti ma gewx citati minn min qed jippromuovi l-proceduri;**

**In vista ta' dan kollu jirrizulta li l-provedimenti in kwestjoni tal-Att XII tal-1994 huma nulli u bla effett. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti;"**

**<u>L-Appell tal-Kummissarju u tad-Direttur</u>**

L-intimati Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-Direttur tad-Dwana u s-Sisa appellaw minn din is-sentenza b'rikors datat 30 ta' Jannar 2003. L-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk:

*(a)* Is-sentenza appellata marret kontra sentenza ohra fl-istess ismijiet (cioe` r-Rikors Kostituzzjonali 610/97GV deciza fis-27 ta' Frar 1998, u li minnha ma kienx hemm appell) fuq materja illi kienet ghaddiet in gudikat;
*(b)* Is-sentenza appellata marret *ultra petita* billi giet deciza a bazi ta' ksur tal-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni, liema artikoli ma kienux in diskussjoni f'din il-kawza;
*(c)* Il-funzjoni tal-Qrati hija limitata ghall-poter li jirrendu ligi inapplikabbli f'kaz partikolari izda dak il-poter ma jestendix ghat-thassir tal-ligi *erga omnes*. Meta l-ewwel Onorabbli Qorti segwiet is-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***Anthony Frendo v. L-Avukat Generali et*** u prattikament irriproduciet dik is-sentenza f'dan il-kaz minkejja li l-litigju kien differenti, hija effettivament interpretat hazin l-obbligi u l-funzjonijiet taghha taht il-Kostituzzjoni;
*(d)* L-argument fis-sens illi f'Malta certi drittijiet jistghu jigu rikonoxxuti taht il-Konvenzjoni meta ma humiex hekk rikonoxxuti skond il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem imur espressament kontra l-intenzjoni tal-legislatur u kontra l-ispirtu tal-Konvenzjoni;
*(e)* Illi dwar l-inapplikabilita` ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghal proceduri dwar hlas ta' taxxa l-esponenti jirreferu ghas-sentenza recenti tal-'Grand Chamber' tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Lulju 2001 ***Ferrazzini v. Italy***, fejn jinghad, *inter alia*: *"[The Court] considers that tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations, despite the pecuniary effects which they necessarily produce for the taxpayer."*;
*(f)* Ma jidhirx illi fis-sentenza ta' Anthony Frendo, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-pronunzjament tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ***Ferrazzini***;
*(g)* Illi l-esponenti ihossu illi huwa ferm opportun illi s-sentenza ta` ***Frendo*** ma tibqax tigi segwita, ukoll biex tkun tista' tinghata interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja mill-Qorti Maltija simili ghall-interpretazzjoni moghtija mill-'Grand Chamber' tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Fir-risposta tieghu, Vincent Cilia wiegeb li s-sentenza tal-20 ta' Gunju 2003 kienet gusta u kienet timmerita

konferma u dan ghar-ragunijiet segwenti (li qed jigu hawn riprodotti in sintesi):

(a) Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa bbazat fuq il-principju tar-*res iudicata*, u fuq allegazzjoni li dawn il-proceduri kienu gja in gudikat minhabba l-fatt li l-esponenti kien gja pproceda bir-rikors kostituzzjonali b'talbiet simili u premessi ohrajn. Illi dan l-aggravju hu bbazat fuq premessi zbaljati;
(b) Illi sabiex tigi validament sostnuta l-eccezzjoni tar-*res iudicata* huwa necessarju fost l-ohrajn li l-punt kontrovers tal-kawza jkun l-istess u iktar importanti li tkun tirrizulta l-*eadem res*;
(c) Illi fil-kaz in ezami dan zgur ma jirrizultax, anzi huwa ovvju li l-premessi fiz-zewg rikorsi kostituzzjonali huma ghal kollox differenti;
(d) Oltre dan, sabiex il-Qorti tkun sodisfatta li l-element tal-identita` tal-oggett fiz-zewg kawzi jezisti, dan irid jigi strettament pruvat sabiex tigi milqugha l-eccezzjoni tar-*res iudicata*, u f'kaz tal-icken dubbju, il-Qorti ghandha tkun kontra li tigi milqugha tali eccezzjoni ghax altrimenti jigi indebitament pregudikat il-promotur tal-azzjoni in kwantu jigi mcahhad milli jkollu t-talbiet tieghu definiti gudizjalment. L-eccezzjoni ta' *res iudicata* ghandha dejjem, u specjalment f'kaz ta' allegat lezjoni ta' dritt fondamentali tal-bniedem kif protett mill-Kostituzzjoni, tinghata interpretazzjoni strettissima;
(e) Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li s-sentenza appellata marret 'ultra petita'. Illi dan l-aggravju hu bbazat fuq premessi zbaljati;
(f) L-Ewwel Qorti ma kellha ebda ghazla hlief li tiddikjara l-istess disposizzjonijiet tal-ligi nulli u bla effett insegwitu tad-decizjoni tat-30 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet ***Anthony Frendo v. L-Avukat Generali et*** fejn gew dikjarati nulli u bla effett;
(g) Kif gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza ***Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et*** tal-24 ta' Jannar 1991, *"… l-Qorti tahseb illi f'kawzi ta' natura kostituzzjonali, fil-kazijiet kongruwi, hija ghandha l-obbligu li, biex taghti rimedju efficjenti, tmur 'extra petita'.."*;
(h) Illi t-tielet aggravju tal-appellanti huwa bbazat fuq allegata interpretazzjoni w applikazzjoni hazina tal-Artikolu

6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3(2) tal-Kap 319 mill-Ewwel Qorti;
(i) Illi l-Ewwel Qorti la interpretat u lanqas ma applikat tali artikoli hazin;
(j) Illi r-raba' aggravju huwa bbazat fuq sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Lulju 2001 ***Ferrazzini v. Italy***, li skond l-istess aggravju din is-sentenza ma gietx applikata fid-decizjoni taghha tat-30 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet ***Anthony Frendo v. L-Avukat Generali et*** u ghaldaqstant is-sentenza m'ghandiex tibqa' tigi segwita.
(k) Illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni ta' Ferrazzini ikkonkludiet fost ohrajn li *"Article 6 (1), does not apply in the instant case"*, u ma qalitx li tali provvediment ma ghandu qatt japplika f'kazijiet simili.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Meta wiehed inehhi l-hafna kliem zejjed u inutili li l-partijiet kollha f'din il-kawza ghogobhom jitfghu kemm quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza kif ukoll quddiem din il-Qorti – qisu kulhadd huwa inkapaci li jiffoka fuq dak li huwa verament essenzjali u fuq il-principji, b'mod li jintilef f'valanga ta' kliem inutili – il-kwistjonijiet li ghandha quddiemha din il-Qorti huma essenzjalment tlieta:

(**1**) Jekk bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-<u>27 ta' Frar 1998</u> fl-ismijiet ***Vincent Cilia v. L-Avukat Generali, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju dwar it-Taxxi fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju tad-Dwana u s-Sisa*** (Rik. 610/97GV) jistghux illum il-Kummissarju tal-VAT u l-Kummissarju (illum Direttur) tad-Dwana u s-Sisa jissollevaw b'success l-eccezzjoni tar-*res iudicata* fil-konfront tas-sentenza appellata, u cioe` dik moghtija fl-20 ta' Gunju 2003; (**2**) jekk is-sentenza appellata ghandhiex tigi dikjarata nulla ghax iddecidiet *ultra petita*, u (**3**) jekk fil-meritu d-decizjoni, li segwiet id-decizjoni precedenti ta' ***Frendo***, ghandiex tigi revokata fid-dawl ta' gurisprudenza recenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-kaz ta' ***Ferrazzini***). Din il-Qorti sejra tikkunsidra dawn it-tlett materji *seriatim*.

Dwar il-kwistjoni tar-*res iudicata*, jibda biex jinghad li ghalkemm hemm xi sentenza f'sens differenti[5], id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti huma fis-sens li l-eccezzjoni tar-*res iudicata* mhix wahda minn dawk li huma sollevabbli *ex officio* u li, kwindi, tali eccezzjoni hija wkoll rinunzjabbli; b'dan pero` li una volta li parti tigbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk biss indirettament u mhux f'forma ta' eccezzjoni moghtija formalment, li hemm sentenza ohra u precedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawzali[6], il-gudikant hu obbligat li jinvesti l-kwistjoni (ara f'dan is-sens ***Nutar Oscar Azzopardi v. Gerald Cuschieri*** Prim Awla, 19 ta' Dicembru 1950 (Kollezz. Vol. XXXIV.ii.725); ***Pawlina Zammit pro et noe v. Gerald Zammit*** Prim Awla, 28 ta' Gunju, 1954 (Kollezz. Vol. XXXVIII.ii.533); ***Assunta Cassar v. Avukat Dott. Carmelo Zammit noe*** Qorti ta' l-Appell, 4 ta' Novembru 1955 (Kollezz. Vol. XXXIX.i.282); ***Giuseppe Mallia v. Carmelo Giordimaina*** Prim Awla, 11 ta' Novembru 1957 (Kollezz. Vol. XLI.ii.1163); ***Toni Pellegrini v. Maurice Abela et noe*** Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Marzu 1966[7]). Kif jispjega wkoll il-Laurent[8]: *"Dal principio che l'eccezione della cosa giudicata non e` di ordine pubblico, nel senso che le parti interessate vi possono rinunziare, segue che il giudice non puo` supplire di uffizio l'eccezione della cosa giudicata."* [9] Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li r-rinunzja ta' l-eccezzjoni tar-*res iudicata* tkun maghmula b'mod car[10], ir-rinunzja tista' tkun tacita wkoll, basta li tkun l-espressjoni tal-volonta` cara tal-parti li lilha jkun jispetta li tqajjem dik l-eccezzjoni: *"Non bisogna credere che la rinuncia tacita sia una rinuncia presunta. La rinuncia non si presume giammai, perche` non si puo` presumere che una persona abbandoni un diritto che le appartiene. Perche` vi sia la rinunzia tacita bisogna che la volonta` sia cosi` certa come se vi fosse rinunzia espressa: ma vi e`*

---

5 Ara s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu 1923 (Kollez. Vol. XXV.ii.284).

6 Kif inhu risaput irid ikun hemm ghas-success tal-eccezzjoni tar-*res iudicata* it-tlett elementi ta' *eadem personae, eadem res* u *eadem causa petendi* – ***Ignatius Bonello noe v. Godwin Pule` et*** Prim Awla, 17 ta' Frar 1995.

7 Ara l-parti fejn hemm riprodotta s-sentenza tal-Prim Awla.

8 **Principii di Diritto Civile**, Vol XX, Leonardo Vallardi ed (Napoli), 1881.

9 *op. cit.* p. 120, para. 137.

10 ***Salvatore La Rosa de Cristofaro noe v. Henri Rouselle noe*** Prim Awla, 24 ta' Frar 1939 (Kollezz. Vol. XXX.i.732).

*questa differenza: la rinunzia tacita risulta da un fatto il quale non puo` ricevere altra interpretazione che quella della volonta` di rinunziare allo effetto della cosa giudicata."* [11]. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-principji ghandhom, bhala regola, japplikaw ukoll f'kawzi kostituzzjonali, specjalment in vista tal-fatt li fis-sistema taghna decizjoni kostituzzjonali f'materja ta' allegat ksur tad-drittijiet fondamentali [12] (sia jekk taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni) taghmel stat biss bejn il-partijiet fil-kawza, u dan anke meta b'dik l-istess decizjoni jigi deciz li xi disposizzjoni ta' ligi hija nulla u bla effett.

Issa, fil-kaz in dizamina, l-intimati appellanti certament ma setghux ghall-bidu tal-kawza jeccepixxu l-gudikat, u dan ghar-raguni semplici li filwaqt li l-kawza deciza bis-sentenza tas-27 ta' Frar 1998 (bejn Vincent Cilia u erba' intimati, fosthom il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju, illum Direttur, tad-Dwana u s-Sisa) kienet tirrigwarda allegata vjolazzjoni tal-Artikoli 39(2) u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, il-kawza odjerna kienet ibbazata fuq allegata vjolazzjoni ta' disposizzjonijiet **ohra** tal-Kostituzzjoni u tal-imsemmija Konvenzjoni. Kien evidenti, ghalhekk, li f'dak l-istadju kienet tigi nieqsa l-identita` tal-kawzali – *eadem causa petendi*. Wara li nghatat, minn din il-Qorti (diversament komposta), is-sentenza fil-kaz ta' ***Frendo*** u l-Qorti ta' prim istanza f'din il-kawza, kif diga' rajna, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat *"…lill-intimat il-Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jiddikjara l-posizzjoni tieghu…"* fil-kawza *de quo* in vista tas-sentenza fil-kaz ta' ***Frendo***, l-imsemmi Kummissarju, flok ma semplicement irrileva li l-kaz ta' ***Frendo*** kien gie deciz abbazi tal-Artikoli 39(2) u 6 u li fuq dawn iz-zewg disposizzjonijiet diga` kien hemm sentenza bejn il-partijiet – dik proprju tas-27 ta' Frar 1998 li ma kinitx giet appellata u li ghalhekk kienet ghaddiet in gudikat – stieden lill-ewwel Qorti sabiex terga' tezamina l-kwistjoni kollha fid-dawl ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet (39(2) u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament) – ara n-nota tat-13 ta' Novembru 2002, fol.

[11] Laurent, *op. cit.* p. 119, para. 135.
[12] U mhux, ghalhekk, meta l-azzjoni ssir in forza tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni.

63 tal-process. Kien ghalhekk il-Kummissarju li volutament stieden lill-Prim Awla terga' tezamina kwistjoni li kienet diga' giet deciza u li kienet ghaddiet in gudikat, b'mod li huwa gie li tacitament irrinunzja ghall-eccezzjoni tar-*res iudicata*. Il-fatt li l-intimat l-iehor, cioe` l-Kummissarju (aktar tard Direttur) tad-Dwana u tas-Sisa, ma jiffigurax f'din in-nota tat-13 ta' Novembru 2002 ma hu ta' ebda relevanza fil-kaz odjern – din il-kawza hi essenzjalment wahda kontra l-iStat, rappresentat minn zewg kapijiet ta' dipartiment (li t-tnejn iddikjaraw li huma l-legittimi kontradittturi[13]), u galadarba wiehed miz-zewg rappresentanti jirrinunzja, ghan-nom ta' l-iStat, ghall-eccezzjoni tar-*res iudicata*, dik ir-rinunzja ma tistax in segwitu tigi kkampata ghan-nom ta' l-iStat minn kap ta' dipartiment iehor f'dik l-istess kawza. Konsegwentement l-aggravju dwar ir-*res iudicata* qed jigi respint.

L-istess argumenti japplikaw kwantu ghall-aggravju li l-ewwel Qorti marret *ultra petita*. Issa, apparti certa gurisprudenza – li din il-Qorti, kif illum komposta, ma tantx thares lejha benevolment – li tissuggerixxi li f'kazijiet ta' din ix-xorta, il-Prim Awla u din il-Qorti jistghu jsibu vjolazzjoni tad-dritt fondamentali anke fuq il-bazi ta' artikoli tal-ligi li ma jkunux gew citati mir-rikorrent fir-rikors promotur [14], fil-kaz in dizamina l-appellant b'ebda mod ma jistghu jilmentaw li l-ewwel Qorti marret *ultra petita* galadarba, kif inghad, kien l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li stieden lill-Qorti tezamina mill-gdid il-kwistjoni ta' Cilia fid-dawl tal-Artikoli 39(2) u 6 msemmija.

Tibqa' ghalhekk biex tigi deciza l-kwistjoni fil-meritu, u cioe` jekk, anke fid-dawl tal-gurisprudenza citata tal-Qorti ta' Strasbourg, hemmx f'dan il-kaz lezjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward l-appellanti, fir-rikors taghhom, ighidu li s-sentenza fil-kaz ta' ***Frendo*** u d-dikjarazzjoni f'dik is-sentenza li l-Artikolu 4(1)(c) tas-Sitt Skeda huwa null u bla effett, jaghmlu stat biss fil-konfront ta' l-istess Frendo u mhux stat *erga omnes*. Din il-Qorti taqbel. Dan ma jfissirx,

[13] Ara l-verbal tad-29 ta' Jannar 1999, fol. 20.
[14] Ara, per ezempju, ***Edwin Bartolo u Alfred Desira v. Agent Registratur tal-Qorti noe et*** Qorti Kostituzzjonali, 15 ta' Frar 1991 (Kollezz. Vol. LXXV.i.84).

pero`, li jekk il-Prim Awla (jew din il-Qorti) tiddikjara li disposizzjoni partikolari tal-ligi hija leziva tad-drittijiet fondamentali ta' cittadin f'kawza partikolari, hija m'ghandhiex f'cirkostanzi simili (anke jekk mhux identici) ghal dawk li kien hemm f'dik l-ewwel kawza terga' taghmel l-istess dikjarazzjoni fil-konfront ta' cittadin iehor. Wara kollox, meta disposizzjoni tkun hekk leziva, dan x'aktarx ikun dovut ghal ragunijiet fondamentali u ta' principju li jmorru lil hinn mill-fattispeci partikolari tal-kaz.

Mill-banda l-ohra ghandu jinghad li din il-Qorti ma hix marbuta li ssegwi bil-ghama l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'materja li tirrigwarda l-Konvenzjoni. Apparti li dik il-Qorti mhix parti mill-organizzazzjoni gudizzjarja ta' Malta, is-sentenzi taghha ghandhom biss valur perswaziv; u kemm il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti ma humiex prekluzi milli jaghtu interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni – illum parti mil-ligi domestika – li ma tkunx konformi ma' dik moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza fil-kaz ta' ***Ferrazzini v. Italy*** [15] (inkluzi z-zewg opinjonijiet separati minn dik tal-maggoranza tal-"Grand Chamber" – wahda "concurring" u l-ohra "dissenting") u hi tal-fehma li ma ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjoni raggunta kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fis-sentenza fil-kaz ta' ***Frendo***. Apparti li l-kaz ta' ***Ferrazzini*** kien kaz dwar dewmien tal-proceduri (quddiem id-"District Tax Commission" ta' Oristano), u apparti li mis-sentenza ma jirrizultax x'kien ezatt ir-rwol "gudizzjarju" jew "kwazi gudizzjarju" ta' din it-"Tax Commission", din il-Qorti taqbel li r-regola hi li *"…tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations."* Fil-fehma tal-Qorti, pero`, dan ifisser biss li l-qrati m'ghandhomx id-dritt li jissindakaw l-imposizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm tali imposizzjoni w ezazzjoni jkunu regolati b'ligi. Jekk, pero`, l-iStat stess, permezz tal-ligi, jaghti d-dritt lic-cittadin li jirrikorri biex jikkontesta tali imposizzjoni jew ezazzjoni quddiem "tribunal indipendenti

[15] 12 ta' Lulju 2001.

u imparzjali", id-dritt ta' access ghal tali tribunal (fil-kaz in dizamina, tribunal kwazi gudizzjarju bhalma hu l-Bord ta' Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u qorti bhalma hi l-Qorti ta' l-Appell) fih innifsu huwa d-dritt privat, b'mod li l-garanziji kemm tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll dawk tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ikunu applikabbli ghal dak it-"tribunal indipendenti u imparzjali". Isegwi wkoll li jekk xi disposizzjoni ta' ligi ccahhad b'mod irragjonevoli lic-cittadin minn dak id-dritt ta' access moghti lilu bil-ligi stess, dik id-disposizzjoni tkun tikkozza kemm ma' l-Artikolu 6(1) kif ukoll ma' l-Artikolu 39(2) imsemmija. Kif tajjeb osserva l-Imhallef P. Lorenzen fid-"dissenting opinion" tieghu[16] fil-kaz ta' ***Ferrazzini*** :

**"The finding that Article 6(1) of the Convention under its civil head is applicable to tax cases does not in any way restrict the States' power to place whatever fiscal obligations they wish on individuals and companies. Nor does such a finding restrict the States' freedom to enforce any such laws as they deem necessary in order to secure the payment of taxes (see Article 1 of Protocol No. 1). Article 6 of the Convention is a procedural guarantee that grants primarily the right of access to a court and the right to have court proceedings determined fairly within a reasonable time. In that respect there have in fact been important developments in the field of taxation since the drafting of the Convention. Whereas at that time it was doubtful in some legal systems to what extent administrative decisions in fiscal matters could be reviewed by a court – if at all – it is now recognised, at least in the vast majority of the Contracting States, that disputes in fiscal matters can be decided in ordinary proceedings by a court or a tribunal."**

Kif tajjeb osservat din il-Qorti (diversament komposta) fil-kaz ta' ***Frendo***, dak li l-appellant potenzjali quddiem il-Bord kien qed jintalab jaghmel ma kienitx semplici garanzija biex jikkawtela l-ispejjez tal-process – haga fiha

[16] Li maghha qablu l-imhallfin C.L. Rozakis, G. Bonello, V. Straznicka, C. Birsan u M. Fischbach.

nnifisha ragjonevoli anke jekk tista' tkun oneruza f'certi kazijiet – izda li jhallas parti sostanzjali mit-taxxa kontestata (25%) bhala kondizzjoni biex ikun jista' jikkontesta l-istess taxxa. *"Proposta f'dawn it-termini d-disposizzjoni tidher li hi inikwa u anti guridika"*. U fil-fehma ta' din il-Qorti, kif illum komposta, din id-disposizzjoni hija wkoll ostakolu irragjonevoli li ccahhad lill-appellat mid-dritt ta' access tieghu ghall-Bord u, jekk ikun il-kaz, ghall-Qorti ta' l-Appell fir-rigward ta' l-istima ghall-periodu mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Jannar 1996 (ara r-rikors promotur)

Ghall-motivi premessi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-proceduri in kwantu diretti kontra l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali in vista li l-atti gew ceduti fil-konfront taghhom;
2. Tichad l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u tad-Direttur tad-Dwana u s-Sisa;
3. Tikkonferma s-sentenza appellata biss fis-sens li tiddikjara li d-disposizzjoni tal-Artikolu 4(1)(c) tas-Sitt Skeda tal-Att XII ta' l-1994 (kif din id-disposizzjoni kienet fl-1996) hija nulla u bla effett billi tivvjola l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u konsegwentement tawtorizza lil Vincent Cilia sabiex joggezzjona u jressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-istima ex officio li saritlu u li hija msemmija fir-rikors promotur minghajr il-htiega li jiddepozita hamsa u ghoxrin fil-mija tat-taxxa in kontestazzjoni, u tiddikjara wkoll nulla u bla effett l-ittra ufficjali li rrendiet ezekuttiva l-pretensjoni tal-imsemmi Kummissarju;
4. Kwantu ghall-ispejjez, tordna li dawk tal-Prim Ministru u tal-Avukat Generali jithallsu mill-appellat Vincent Cilia, waqt li l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu mill-appellanti.

Tordna li kopja ufficjali ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur Qrati u Tribunali Civili lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tar-Rappresentanti biex jaghraf jirregola ruhu dwarha skond il-ligi u senjatament kif provvdut fl-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------